MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2011

Numru 1038/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Marouska Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Marouska Borg ta' erbgha u tletin (34) sena, bint Joseph Pace u Josephine Mary Debono, imwielda fis-27 ta' April 1977 il-Pietà u residenti Nru.14, Triq l-Assunta, Marsa, detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 432277(M), talli nhar l-4 ta' Settembru 2011 f'hinijiet diversi gewwa l-pitch tas-Sirens, limiti ta' San Pawl il-Bahar, ikkommettiet serq ta' zewg (2) basktijiet minn gol-pool area ta' l-isemmi pitch, liema basktijiet kien fihom diversi affarijiet fosthom mobile phone

ta’ l-ghamla Blackberry ta’ valur ta’ €385 kif ukoll €150 fi flus kontanti, liema serq sar ghad-dannu ta’ James Darmanin, Annabelle Cacciattolo u jew persuna jew persuni ohra u liema serq huwa aggravat bil-valur ai termini ta’ l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni taghha ghall-imputazzjoni migjuba kontriha, din il-Qorti necessarjament ikollha ssib lill-imputata hatja tar-reat addebitat lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madanakollu ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata kif ukoll il-fatt li l-imputata ghandha problemi socjali ta’ certa entità, li ikkooperat mal-Pulizija u li rritornat l-mobile phone u flus misruqa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ta’ l-imputata, issibha hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idoenja ghall-imputata u billi jissussistu l-elementi ai termini ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputata taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ sena mill-llum, liema

ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* tista’ tinghata sentenza ghar-reat li tieghu instabet hatja b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputata.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------